

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/39/KE

tas-26 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward ta' livelli massimi ta' residwi għad-diazinon

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) L-Istat Membru *rapporteur* informa lill-Kummissjoni li jista' jkun neċessarju li jiġu riveduti l-MRLs għad-*diazinon* fid-Direttiva 90/642/KEE fid-dawl tad-dubji fil-konsum tal-konsumatur. Proposti għar-reviżjoni tal-livelli massimi ta' residwi tal-Komunità tressqu quddiem il-Kummissjoni.
- (2) L-MRLs u l-livelli li huma rakkomandati mill-Codex Alimentarius huma stabbiliti u evalwati skond proċeduri simili. Hemm numru ta' Codex MRLs għad-*diazinon*. L-MRLs Komunitarji li huma bbażati fuq il-Codex MRLs ġew ukoll ievalutati mill-Istat Membru *rapporteur* fid-dawl ta' l-informazzjoni l-ġdida dwar riskju għall-konsumatur.
- (3) L-esponiment tal-konsumaturi matul ħajjithom kif ukoll għal perjodu qasir għad-*diazinon*, permezz tal-prodotti ta' l-ikel, ġie studjat mill-ġdid u vvalutat skond il-proċeduri u l-prattiki Komunitarji, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa<sup>(2)</sup>. Fuq din il-bażi, huwa xieraq li jiġu ffixxati livelli massimi ġodda ta' residwi, li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda esponiment inaċċettabbli tal-konsumatur.
- (4) Fejn huwa rilevanti, l-esponiment akut tal-konsumaturi għad-*diazinon* permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom residwi ġie studjat u evalwat skond il-proċeduri u l-prattiki tal-Komunità, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Il-konklużjoni hija li l-preżenza ta' residwi ta' pestiċidi fil-livelli massimi ġodda ta' residwi jew taħthom mhijiex se tikkawża effetti tossiċi qawwija.

(5) Għaldaqstant huwa neċessarju li jkunu mmodifikati l-MRLs stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, sabiex jippermettu sorveljanza u kontroll xierqa tal-proj-bizzjoni ta' l-użi tagħhom u għall-ħarsien tal-konsumatur.

(6) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, is-sħab kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar il-livelli massimi ġodda ta' residwi u tqiesu l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli.

(7) L-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE għandu, għal-hekk, jiġi emendat kif imiss.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Id-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-27 ta' Diċembru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkon-formaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jipprovdu lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-28 ta' Diċembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

<sup>(1)</sup> ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/28/KE (ĠU L 135, 26.5.2007, p. 6).

<sup>(2)</sup> Il-Linji ta' Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

---

## ANNEX

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE, il-linji għad-*diazinon* jinbidlu b'dan li ġej:

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
"Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
<b>1. Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippreżervat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġewż</b>	
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	0,01 (*)
Grepjfrut	
Lumi	
Lajm	
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajrha)	
Lewż	0,05
Ġewż tal-Brażil	
Ġewż ta' l-anakardju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indi	
Ġellewż	
Makadamja	
Ġewż tal-Pekan	
Ġewż ta' l-arżnu	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	0,01 (*)
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA	0,01 (*)
Tuffieħ	
Laŋġas	
Sfarġel	
Oħrajn	
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA	0,01 (*)
Berquq	
Ċiras	
Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili)	
Għanbaqar	
Oħrajn	

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
(v) BERRIES U FROTT ŻĠĦIR	
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	0,01 (*)
Għeneb tal-mejda	
Għeneb ta' l-inbid	
(b) Frawli (ħlief dak selvaġġ)	0,01 (*)
(c) Frott tal-qasab (għajr dak selvaġġ)	0,01 (*)
Tut	
Dewberries	
Loganberries	
Lampun	
Oħrajn	
(d) Frott żġħir ieħor u berries (ħlief dak selvaġġ)	
Bilberries	
Cranberries	0,2
Passolina (aħmar, iswed u abjad)	
Gooseberries	
Oħrajn	0,01 (*)
(e) Berries u frott żġħir selvaġġ	0,01 (*)
(vi) DIVERSI	
Avokado	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumquats	
Litchis	
Mango	
Żebbuġ (konsum domestiku)	
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)	
Papaja	
Passion fruit	
Ananas	0,3
Rummien	
Oħrajn	0,01 (*)

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
<b>2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew immnixxin</b>	
<b>(i) ĦXEJJEX F'SURA TA' TUBERI JEW GĦERUQ</b>	
Pitrava zokkrija	
Karrotti	
Cassava	
Krafes	
Mustarda użata għaz-zalza	
Qaqoċċ	
Zunnarija bajda	
Parsley root	
Ravanell	0,1
Sassefrika	
Patata ħelwa	
Swedes	
Turnips	
Jam	
Oħrajn	0,01 (*)
<b>(ii) ĦXEJJEX F'SURA TA' BASAL</b>	
Tewm	
Basal	0,05
Shallots	
Spring onions	
Oħrajn	0,01 (*)
<b>(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTТА TAL-PJANTA</b>	
<b>(a) Solanacea</b>	
Tadam	
Bżar	0,05
Brunġiel	
Okra	
Oħrajn	0,01 (*)
<b>(b) Kukurbiti - tal-qoxra li tittiekel</b>	
Ħjar	
Gherkins	
Qarabali	
Oħrajn	

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
(ċ) Kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx	0,01 (*)
Bettieħ	
Squashes	
Dulliegħ	
Oħrajn	
(d) Qamħirrum	0,02
(iv) HXEJJEK BRASSICA	
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri	0,01 (*)
Brokkoli	
Pastard	
Oħrajn	
(b) Brassica bir-ras	
Kaboċċi ta' Brussell	
Kaboċċi tar-ras	0,5
Oħrajn	0,01 (*)
(ċ) Brassica bil-weraq	
Kaboċċi taċ-Ċina	0,05
Kale	
Oħrajn	0,01 (*)
(d) Ġdur	0,2
(v) HXEJJEK LI L-WERAQ TAGĦHOM JITTIEKEL U HWAWR FRISK	0,01 (*)
(a) Ħass u simili	
Krexxuni	
Ħass tal-ħaruf	
Ħass	
Scarole (endive tal-werqa wiesgħa)	
Insalata	
Weraq u zkuk tal-brassica	
Oħrajn	
(b) Spinaċi u simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi	
Oħrajn	
(ċ) Krexxuni ta' l-ilma	
(d) Witloof	

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
(e) Ħwawar	
Maxxita	
Kurrat selvaġġ	
Tursin	
Weraq tal-karfus	
Oħrajn	
(vi) HXEJJEK LEGUMI (friski)	0,01 (*)
Fażola (bl-imżiewed)	
Fażola (mingħajr imżiewed)	
Piżelli (bl-imżiewed)	
Piżelli (mingħajr imżiewed)	
Oħrajn	
(vii) HXEJJEK FORMA TA' ZOKK (friski)	0,01 (*)
Asparagu	
Kardun	
Karfus	
Bużbież	
Qaqoċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
(viii) FAQQIEGĦ	0,01 (*)
(a) Faqqiegħ ikkoltivat	
(b) Faqqiegħ selvaġġ	
<b>3. Żrieragħ immixxfin</b>	0,01 (*)
Fażola	
Ghazz	
Piżelli	
Lupini	
Oħrajn	
<b>4. Żejt taż-żrieragħ</b>	0,02 (*)
Żerriegħa tal-kittien	
Karawett	
Żerriegħa tal-peprin	
Ġulġlien	

Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)	
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu	Diazinon
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żerriegħa tal-lift	
Żerriegħa tas-soġġa	
Żerriegħa tal-mustarda	
Żerriegħa tal-qoton	
Żerriegħa tal-qanneb	
Oħrajn	
<b>5. Patata</b>	0,01 (*)
Patata bikrija	
Varjazzjonijiet ta' patata	
<b>6. Te (weraq u zkuk, imnixxef, iffermentat jew ieħor, mill-weraq tal-<i>Camellia sinensis</i>)</b>	0,02 (*)
<b>7. Hops (imnixxef), inklużi hħub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat</b>	0,5

(\*) Jindika l-limitu l-iktar baxx għad-determinazzjoni analitika"